Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Numru 1/1998

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fit-28 ta' Ottubru 1999 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

" Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza nru 1 tal-1998;

Semghet il-verdett tal-gurati li bih (a) b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; (b) b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-istess akkuzat hati skond it-tieni kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; u (c) unanimament sabuh mhux hati skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza;

Tiddikjara lill-imsemmi Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb mhux hati tal-akkuza migjuba fit-tielet kap, u cioe' tal-akkuza li kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-ligi, u minnha tilliberah; tiddikjarah hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar b'diversi atti, ukoll jekk fi zmijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u dan skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati wkoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u dan skond it-tieni kap tal-istess Att ta' Akkuza;

Semghet lill-avukata Dott. Ramona Frendo ghall-hati kif ukoll lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u in partikolari l-kwantita' ta' droga involuta (1569.3 grammi ta' erojina) u l-purita' taghha; hadet in konsiderazzjoni wkoll iz-zmien li l-akkuzat gja ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10(1), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(bb)(ii)(3A)(d) tal-Kap. 101; ir-reguli 4(a) u 8 tar-Reguli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi; u l-Artikoli 11, 17(h), 18, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb ghall-piena ta' hmistax-il (15) sena prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll

tikkundannah multa ta’ hamsa w ghoxrin elf lira (Lm25,000) konvertibbli f’sena prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew peropjeta’ mobbli tal-hati Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb anke jekk l-imsemmija flejjes jew propjeta’ mobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta; fl-ahharnett tikkundanna lill-imsemmi Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb ihallas lir-Registratur fi zmien xahar mill-lum is-somma ta’ erba’ mija tlieta u tmenin lira (Lm483) spejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri.

Tordna d-distruzzjoni tal-erojina ezibita taht l-awtorita’ ta’ din il-Qorti kemm-il darba l-Avukat Generali, b’nota ppresentata mhux aktar tard minn jumejn tax-xoghol mill-lum, ma jindikax li l-istess erojina hi mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri ohra; din id-distruzzjoni ghandha ssir fi zmien sebghat ijiem tax-xoghol mill-lum u l-Qorti qed tinnomina ghal dana l-fini lill-ispizjar Mario Mifsud, li ghandu jezebixxi proces verbal bid-dettalji tad-distruzzjoni fl-atti ta’ din il-kawza."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fis-17 ta' Novembru 1999 li bih talab li din il-Qorti tikkonferma l-verdett tal-gurija in kwantu t-tielet Kap u tirrevoka l-verdetti tal-gurija in kwantu l-ewwel u t-tieni kapi ta' l-att ta' akkuza billi ssibu mhux hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah mill-istess, u fin-nuqqas, li timmodifika s-sentenza appellata billi timponi piena anqas minn dik dikjarata fis-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-aggravju principali ta' l-appellant hu li matul il-guri kien hemm irregolarita` konsistenti f'diversi kummenti maghmula mill-Imhallef sedenti dwar il-fatti tal-kaz, liema kummenti kienu ferm

pregudizzjevoli ghat-tezi avvanzata mid-difiza dwar l-akkadut. L-appellant jispjega l-aggravju tieghu hekk:

"Matul il-kors tal-guri, l-Imhallef sedenti ghamel diversi kummenti dwar il-fatti li kienu jippregudikaw il-gudizzju tal-gurati. Senjatament, f'okkazjoni minnhom, l-istess Imhallef ikkummenta dwar kif il-prassi hija illi minkejja li fond ikun bidel l-idejn, jibqa' jintuza l-istess ktieb tal-kera, fuq isem il-kerrej l-antik. Dan kien kumment ta' gudizzju dwar il-fatti tal-kaz illi certament ppregudika l-opinjoni tal-gurati ghax kien jattakka s-sisien tal-fatti kif spjegati mill-esponenti. Sahansitra, fil-kors ta' l-indirizz taghha, l-Onorabbli Qorti qalet illi ma kienx jaghmel differenza f'liema flat instabu l-affarijiet, kumment illi mhux talli huwa zbaljat legalment, talli aktar u aktar kien jimmina ghal kollox il-linja difensjonali ta' l-esponenti.

Anke fl-indirizz taghha, l-Onorabbli Qorti Kriminali regghet ghaddiet diversi kummenti dwar il-fatti illi kienu b'mod car qeghdin jidderigu lill-gurija sabiex isibu htija. Fost affarijiet ohra, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkummentat dwar il-merkanzija li l-esponenti kien izomm fl-entrata komuni tal-flats in kwistjoni (fejn ukoll instabet ic-cavetta ta' Flat 2) u qalet illi ghalhekk kien certament ser jassigura illi hemm gew ma jidhol hadd hlief hu. Il-Qorti kompliet tikkummenta dwar in-nuqqas ta' trab fuq ic-cwievet in kwistjoni u l-facilita` li wiehed jara c-cwievet huwa u niezel it-tarag, b'mod li meta kkombinat ma' l-insistenza fuq il-fatt li kien biss l-esponenti li kellu kontroll fuq il-fond in kwistjoni, jikkostitwixxi direzzjoni inekwivoka ghal sejbien ta' htija.

Dwar l-uniku xhud dirett f'dan il-kaz, Faisal, id-difiza ssottomettiet li dan ma kienx kredibbli u li seta' kellu intenzjonijiet ulterjuri ghaliex xehed kif xehed, senjatament sabiex jiskolpa ruhu. L-Onorabbli Qorti Kriminali dehrilha li Faisal ma wera ebda animosita` fil-konfront ta' l-esponenti u li galadarba xehed dwar il-problemi u t-tahwid li kellu f'hajtu minhabba d-droga, tat indikazjoni li dan kien xhud kredibbli. Sahansitra l-Onorabbli Qorti qalet li ma kienx hemm affarijiet kontrastanti fix-xiehda ta' Faisal u nsistiet fuq allegazzjonijiet ta' theddid li ma ngabet ebda prova oggettiva dwarhom u li l-esponenti nnega totalment. Il-

Qorti Kriminali imminimizzat il-fatt illi l-istess Faisal kellu akkuzi ta' traffikar ta' eroina kontra tieghu u lanqas biss semmiet il-fatt illi Faisal qal li d-droga kien jixtriha fi qratas maghmula minn karti ta' pitazz, mentri f'dan il-kaz il-Pulizija sabu biss boroz tal-plastik - zewg fatturi li kienu importanti ferm ghal-linja difensjonali ta' l-esponenti. Nuqqasijiet li juru zbilanc kontra l-esponenti fl-indirizz ta' l-Onorabbli Qorti u li ghal darb'ohra kien jidderigu lill-gurija sabiex issib htija.

Anke dwar ix-xhieda li qalu li gharfu lill-esponenti bhala l-persuna li xtrat it-termsijiet in kwistjoni, l-Onorabbli Qorti Kriminali insistiet illi dawn kienu kredibbli u li l-esponenti kien qed jghid biss li dawn kienu marru zbaljati u injorat ghal kollox l-ispjegazzjoni tad-difiza dwar kif il-procedura adoperata setghet facilment tipprekondizzjona lill-imsemmija xhieda.

Anke fir-riassunt li ghamlet tal-provi migbura, l-Onorabbli Qorti Kriminali wriet tendenza konsistenti kontra t-tezi avvanzata mill-esponenti u bl-ebda mod ma kienet oggettiva u imparzjali kif titlob il-ligi. Il-punti misluta mill-Imhallef sedenti u l-kummenti li saru dwar l-istess, kienu kollha jaghtu direzzjoni ghal sejbien ta' htija. L-istess tonalita` ta' l-indirizz u specjalment ta' l-ahhar battuti fl-istess, kienet tidderigi ghal sejbien ta' htija - fatt li jikkostitwixxi irregolarita` li certament influwiet fuq il-verdett tal-gurati."

Issa, fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju

bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra.

Kif intqal minn Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990):

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the ‘substance’ of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. ‘[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…’ (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.***

**The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).**

U bhalma qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**, p. 464 para. 4-376), u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, <u>l-</u>

<u>indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu</u> sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri u waslet ghall-konkluzjoni li l-indirizz huwa wiehed bilancjat u li fl-ebda hin ma jirrizulta xi tentattiv ta' l-Imhallef biex juzurpa l-funzjoni tal-gurati. Sa mill-bidu nett ta' l-indirizz, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamlha cara lill-gurati li huma kienu l-imhallfin tal-fatti[1]:

"Intom min-naha l-ohra tiddeciedu kull punt ta' fatt. Mela allura x'gara jew ma garax, x'inhuma l-fatti verament f'dan il-kaz, x'taccettaw jew x'ma taccettawx minn dawk il-provi li ngabu quddiemkom, dik hija kwistjoni taghkom u taghkom biss. U anke jekk jiena nikkummenta, u bi hsiebni nikkummenta ghax ghandi dritt li nikkummenta, dwar xi fatti, dwar xi provi, per ezempju nigbdilkom l-attenzjoni nghidilkom araw dawk il-fatti, araw dawk il-provi, tahsbux li intom b'xi mod marbutin ma' dak li qed nghidilkom jiena dwar fatti. Dwar fatti intom l-imhallfin sovrani, dwar fatti. L-unici zewg affarijiet li hemm fuqkom … huma l-gurament li hadtu u l-ligi li naghtihielkom jiena. Pero` fil-kwadru li taghti l-ligi, il-fatti li tpoggu fil-kwadru li taghtik il-ligi, dik hija kwistjoni taghkom, u taghkom biss. Daqslikieku jiena qed naghtikom il-frame ta' inkwadru u mbaghad intom tridu tpoggu dawk il-pedini, jew dawk il-bicciet tal-muzajk, jew dawk il-bicciet tal-jigsaw puzzle, biex tibdew tikkomponu u taraw xi stampa intom tidentifikaw minn dawk il-pedini, minn dawk il-bicciet.

Pero` nerga' nghidilkom li nghid x'nghid jiena, u anke qalu x'qalu s-sinjuri avukati dwar il-fatti, dwar dawk li huma fatti, dawn b'ebda mod ma jorbtu lilkom. Anke li nghid jiena dwar fatti, bl-ebda mod ma jorbot lilkom - per ezempju jiena nista' nghidilkom, araw, nigbdilkom l-attenzjoni ghal xi fatt, araw per ezempju x'konkluzjoni tigbdu mill-fatt, jew instabu c-cwievet, per ezempju nista' nghidilkom hekk, dika ma jfissirx li hija aktar importanti minn xi fatti ohra, jew allura tridu tharsu lejn dak il-fatt partikolari u tinjoraw xi fatt iehor. Jekk intom jidhrilkom li dak il-fatt li nigbdilkom l-attenzjoni ghalih mhux daqstant

[1] Ara pagna 5 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

importanti jew addirittura ma giex ippruvat, li tridu tiskartawh u taraw fatti ohra, intom liberi li taghmlu hekk ghax fuq il-fatt hadd ma jikkmandakom, sinjuri gurati."

Matul l-indirizz ukoll l-Imhallef li ppresjeda l-guri diversi drabi fakkar lill-gurati dwar dan ir-rwol taghhom u fl-ahharnett imbaghad qallhom hekk[2]:

"Mela sinjuri gurati, kif ghidtilkom, issa ha nibghatkom tiddeliberaw biex tkunu tistghu taghtuni l-verdett taghkom. Jiena ma baqaghlix hlief infakkarkom bil-gurament li intom hadtu …. Hliftu u weghdtu, quddiem [Alla] u quddiem il-bnedmin li tezaminaw bir-reqqa kollha l-akkuzi li jingiebu kontra l-akkuzat Bettaieb, li ma tqarqux la l-interessi ta' l-akkuzat u lanqas dawk tar-Repubblika ta' Malta. Infakkarkom sinjuri gurati biex jekk, jekk, ghax jiena konvint li intom ma intomx nies pregudikati bl-ebda mod, imma jekk xi hadd jahseb li jista' jkollu xi minimu ta' pregudizzju, irid jaghmel sforz konxju biex dak il-pregudizzju jnehhieh, pregudizzju a bazi ta' nazzjonalita`, cittadinanza, kulur, religjon. A bazi anke tal-fatt li forsi hawn hekk qeghdin nitkellmu forsi reati serji, u reati li normalment jallarmawna, veru, reati ta' droga. Dan il-fatt, sinjuri gurati, applikaw il-bwon sens taghkom, pero` tapplikawh b'gustizzja u mhux b'forma ta' pregudizzju. Sinjuri gurati oqoghdu attenti, il-bwon sens taghkom, tahsbux li l-bwon sens taghkom, tikkonfondux il-bwon sens ma' xi pregudizzju li wiehed jista' jkollu, il-pregudizzji ma ghandhom ikollhom ebda lok fl-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Mela la tqarqu bl-interessi ta' l-akkuzat u lanqas dawk tar-Repubblika ta' Malta li f'isimha huwa akkuzat …. Issa l-mument li intom tbdew tiddeliberaw, li ma thallux jaghmlu bikom il-mibeghda jew il-hazen, lanqas il-biza' jew il-gibda tal-qalb, li tiddeciedu fuq l-akkuzi u fuq id-difiza, kif tghidilkom ruhkom u kif thossu gewwa fikom - araw il-konvinciment morali, sinjuri gurati - kif tghidilkom ruhkom u kif thossu gewwa fikom. Bla ma zzommu ma' hadd, u b'fehma qawwija, kif jixraq lil nies onesti u hielsa."

2 Ara pagni 43 u 44 *ibid.*

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra d-diversi lmenti ta' l-appellant individwalment:

Dwar il-kumment rigward l-uzu ta' l-istess ktieb tal-kera, l-appellant ma ndikax f'liema okkazjoni allegatament inghad il-kumment li huwa jirreferi ghalih. Fi kwalunkwe kaz sidt il-post, Josephine Sant, stess ikkonfermat li l-kera tal-Flat 2 kien ilu jithallas mill-appellant minn Dicembru 1996 (kull xahar b'effett sa Mejju 1997 - ara ktieb ta' l-ircevuti Dok. NA2 anness ma' l-atti tal-kumpilazzjoni) u halliet l-ircevuti f'isem l-inkwilin precedenti ghax kien qallha li sejjer holiday izda mbaghad ma ratux aktar.

Kwantu ghall-kumment li ma jaghmilx differenza f'liema flat instabu l-affarijiet, il-bran rilevanti huwa s-segwenti[3]:

"Issa l-prosekuzzjoni ma hix tenuta li tipprova kull haga li hemm fil-parti narrativa. Ghaliex il-parti narrativa hija l-istorja mhux l-akkuza. Mela allura jekk per ezempju l-gurnata flok kienet l-20 ta' Mejju kienet il-21 ta' Mejju, jekk l-oggetti flok instabu fi Flat 2 instabu fi Flat 1, jew inkella jekk flok erba' termos flasks irrizultalkom li kien hemm sitt thermos flasks, jew kien hemm thermos flask wiehed, jew l-ammont ta' eroina ma kinitx dik l-ammont indikata jew hekk, dawka mhumiex affarijiet li jgibu fix-xejn il-kaz tal-prosekuzzjoni. Ghaliex? Ghax il-prosekuzzjoni mhux dawk il-fatti trid tipprova, il-prosekuzzjoni trid tipprova r-reat, l-elementi tar-reat."

Jigifieri l-kuntest li fih semmiet il-punt imsemmi kien meta l-ewwel Qorti kienet qed tispjega d-differenza bejn il-parti narrativa u l-parti akkuzatorja tal-kapi ta' l-att ta' akkuza. Forsi kien ikun ahjar li l-ewwel Qorti halliet barra l-ezempju tas-sejbien fi Flat 1 minflok Flat 2, izda l-fatt li semmietu, <u>fil-kuntest li semmietu</u>, ma jimminax il-linja difensjonali ta' l-appellant.

Dwar is-sejbien tac-cavetta tal-Flat 2 fl-intrata tal-flats fejn l-appellant kellu l-merkanzija, l-ewwel Qorti qalet hekk[4]:

---

[3] Ara pagna 26 *ibid.*
[4] Ara pagni 12 u 13 *ibid.*

"Taslu ghal grad tal-probabbli jew taslu sal-grad tal-konvinciment morali wara li tkunu ezaminajtu l-provi fit-totalita` taghhom, fl-assjem taghhom, u mhux il-provi individwalment wiehed wiehed. Ghaliex? Ghax jista' jkun li prova wehidha ma twasslek imkien. Naghmlu mod, niehdu ezempju, il-prova ta' fejn instabet ic-cavetta. Mela hi nstabet cavetta, hawn tant cwievet jigru fid-dinja, pero` mbaghad jekk inti dik il-prova tac-cavetta tarah, per ezempju - dan huwa ezempju, isimghuni bil-fors, ahsbu fuqha biss jekk tridu, sinjuri gurati, ghax din hija kwistjoni ta' fatt - jekk, per ezempju, dik ic-cavetta mbaghad wiehed jara li kienet f'post fejn kien hemm hafna merkanzija appartenenti lill-istess akkuzat, allura mbaghad wiehed x'konkluzjoni jista' wiehed jibda jigbed mill-fatt fejn kienet dik ic-cavetta? Normalment min ikollu merkanzija li ovvjament irid jiehu hsiebha jhalliha f'post fejn jista' jidhol kulhadd? Fejn ikun hemm dik il-merkanzija? Jew inkella jassikura li f'dak il-post ma jidhol hadd hlief hu, gahx ovvjament jekk jidhol, jista' jidhol persuna ohra, dik il-merkanzija tista' tonoqslu, jista' xi hadd jisraq xi haga fiha?

Dawn huma c-cirkostanzi kollha li tridu tezaminaw, sinjuri gurati, u ghalhekk intom taslu ghal konkluzjonijiet taghkom a bazi tal-assjem tal-provi…."

Apparti li wiehed irid iqis il-kuntest li fih l-ewwel Qorti ghamlet dawn il-kummenti, cioe` ta' kif il-provi jridu jigu kkunsidrati fl-assjem taghhom - l-imsemmi bran difatti gie segwit immedjatament bl-ezempju tal-*jigsaw puzzle*, ossia f'dan il-kaz, tal-muzajk, ta' kif il-gurati kellhom jikkomponu l-muzajk sabiex jaslu ghall-konvinciment morali - il-mistoqsijiet li ghamlet dik il-Qorti kienu korretti u rilevanti u kellha kull dritt li taghmilhom. Huwa wkoll evidenti mill-istess bran li l-ewwel Qorti halliet il-gudizzju ahhari f'idejn il-gurati.

L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti kkummentat dwar in-nuqqas ta' trab fuq ic-cwievet in kwistjoni u l-facilita` li wiehed jarahom huwa u niezel it-tarag. Mill-bran rilevanti jirrizulta li meta l-ewwel Qorti

kienet qed titkellem fuq dawn il-punti, hija kienet qed titkellem dwar l-interpretazzjoni tal-provi u ta' kif il-gurati ma kellhomx jissostitwixxu prova fejn din ma tezistix. Hija qalet hekk:

"Il-prova tista' tinterpretaha - per ezempju wiehed jghid iva c-cwievet instabu f'tali post, per ezempju. Kif instabu dawk ic-cwievet? Instabu hemm bit-trab jew minghajr trab? - ghax tqajmet il-kwistjoni kinux bit-trab jew minghajr trab - Kienu fejn jidhru facilment minn min ikun niezel mit-tarag jew kienu fejn ma jidhrux facilment minn min ikun niezel mit-tarag? Dawn tistghu tinterpretawhom. Li ma tistghux taghmlu hu li fejn ma hemmx prova ta' xi haga ma tistghux tissostitwuha b'xi haga - il prova - bl-immaginazzjoni taghkom."

Jigifieri dak li ghamlet l-ewwel Qorti kien li ghamlet mistoqsijiet - ibbazati fuq punti sollevati mill-partijiet - li l-gurati kellhom jiddeciedu dwarhom.

L-appellant jghid li lill-ewwel Qorti dehrilha li x-xhud Faisal ma wera ebda animosita` fil-konfront ta' l-akkuzat, li kien xhud kredibbli, li ma kienx hemm affarijiet kontrastanti fix-xiehda tieghu u nsistiet fuq l-allegazzjonijiet ta' theddid. Dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward ta' dawn il-punti kien is-segwenti[5]:

"Kien hemm ukoll Faisal Mahuci ben Mehdi li xehed hawn hekk dwar dak li qalilna, jiena mhux ser nirrepeti, l-okkazjonijiet li fih huwa qalilna li xtara d-droga eroina minghand l-akkuzat. Qalilna wkoll li kien hemm okkazjonijiet, aktar minn okkazjoni wahda, fejn l-akkuzat heddu, ghamillu anke sinjali, dwar jekk huwa jitkellem. L-akkuzat naturalment jichad dan kollu, l-akkuzat qieghed jichad dan kollu, jigifieri huwa, l-akkuzat, jichad li huwa qatt biegh droga lil Faisal, jichad ukoll li huwa qatt ghamel xi sinjali, jew hedded b'xi mod lill-akkuzat. Anzi d-difiza qaltilkom, kif seta' huwa jhedded id-Depot lil [Faisal] meta dawna skond il-Pulizija dejjem kienu separati u 'l boghod minn xulxin?

[5] Ara pagna 40 *ibid.*

Mistoqsi l-akkuzat, tiftakru, jalla ma kinitx mistoqsija ta' xi hadd minkom, jekk dana Faisal qattx kien miggieled mieghu, qattx ra ghajn azin minnu, fis-sens qattx kienu miggildin, ecc., l-akkuzat wiegeb li qatt ma jaf li ghamlu xejn lil xulxin, allura araw intom jekk intom taslu ghal konkluzjoni li dana Faisal, per ezempju, qieghed jigdeb u jrid ifarfar jew iwahhal f'xi hadd - araw x'raguni kien hemm li proprju jaghzel ko-cittadin, ko-nazzjonali tieghu, biex iwahhal fih, jew inkella hux il-kaz li dan Faisal qieghed jghid il-verita`, jew inkella hux il-kaz li l-akkuzat qieghed jghid il-verita` u dan Faisal qieghed semplicement jivvinta biex, kif qaltilkom id-difiza, ifarfar minn fuq spallejh. Din hija kwistjoni taghkom, kwistjoni ta' fatt, sinjuri gurati."

L-ewwel Qorti rreferiet ghall-kwistjoni ta' l-allegat theddid ukoll meta kienet qed tikkummenta dwar ir-raguni ghaliex kultant tinqara x-xiehda, jew partijiet minnha, moghtija fil-kumpilazzjoni. Hija qalet hekk[6]:

"L-istess kellna anke x-xhud Faisal, per ezempju, inqrawlu partijiet mid-deposizzjoni tieghu. Ma jidhirx li kien hemm - araw intom sinjuri gurati - imma ma jidhirx li kien hemm xi affarijiet kontrastanti b'mod partikolari. Kien hemm, iva, il-kwistjoni - araw intom dina x'importanza taghtuha - il-kwistjoni skond id-difiza, id-difiza qaltilkom: jekk dan kien qieghed meta kien id-Depot kienu separati minn xulxin fid-Depot kif seta' ghamillu, per ezempju, sinjal, jew qallu xi diskors, ecc., ecc.? Hawn hekk ix-xhud qalilna li anke fid-Depot l-akkuzat kien heddu biex ma jitkellimx u mbaghad rega' qalilna li anke meta kien fil-lock-up tal-Qorti, meta gie hawn hekk biex jixhed il-Qorti, rega' l-akkuzat rega' ghamillu xi sinjal, ecc. Din hija kwistjoni ta' fatt, sinjuri gurati, araw intom, araw il-bwon sens taghkom x'jiddetta, jekk affarijiet bhal dawn humiex verosimili, li wiehed li jkun ser jixhed fuq xi haga serja kontra haddiehor jigix mhedded, jew le, araw intom sinjuri gurati, din hija kwistjoni ta' bwon sens taghkom, kompletament."

6 Ara pagna 24 *ibid.*

Dawn il-brani jindikaw mill-gdid il-korrettezza li biha mxiet l-ewwel Qorti u ta' kemm huwa importanti li brani jigu ezaminati fil-kuntest taghhom u inoltre li dak li jinghad li ntqal mill-ewwel Qorti jigi citat korrettement.

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti mminimizzat il-fatt li l-istess Faisal kellu akkuzi ta' traffikar ta' eroina kontra tieghu u lanqas biss ma semmiet il-fatt li Faisal kien qal li d-droga kien jixtriha fi qratas maghmula minn karti ta' pitazz mentri l-Pulizija kienu sabu biss boroz tal-plastik.

Kwantu ghall-akkuzi ta' traffikar kontra Faisal, dawn ingabu a konjizzjoni tal-gurati u l-ewwel Qorti gustament qalet li dawn l-akkuzi ghadhom *sub judice* u ghalhekk ma setghux jittiehdu in konsiderazzjoni mill-gurati in vista tal-prezunzjoni ta' l-innocenza li kienet tapplika wkoll fil-konfront ta' Faisal. Kwantu ghall-kwistjoni tax-xiri ta' eroina fi qratas maghmula minn karti tal-pitazz, huwa veru li l-ewwel Qorti fl-indirizz taghha ma ghamlet l-ebda referenza specifika ghal dan il-punt, izda l-Imhallef li jippresjedi l-guri mhuwiex obbligat li jikkummenta fuq <u>kull</u> argument maghmul mill-partijiet u mhuwiex obbligat li jfakkar lill-gurati dwar il-provi <u>kollha</u> li tressqu. U galadarba l-Imhallef li ppresjeda l-guri enfasizza diversi drabi li l-gurati huma sovrani ghal dawk li huma l-fatti, din il-Qorti ma tista' tirravviza l-ebda nuqqas da parte tieghu ghax ma rreferiex ghal dan il-punt partikolari.

Skond l-appellant l-ewwel Qorti naqset meta nsistiet li x-xhieda li qalu li gharfuh bhala l-persuna li xtrat it-termosijiet kienu kredibbli u njorat l-ispjegazzjoni tad-difiza dwar kif il-procedura adoperata setghet facilment tipprekundizzjonahom.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-indirizz, jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet korrettissima f'dak li qalet dwar ix-xiehda tas-*salesgirls* [7]. Inoltre kienet korretta meta qalet li ghall-fini ta' identifikazzjoni ta' persuna l-ligi taghna ma tesigix li jsiru *identification parades*. F'dar-rigward issir

[7] Ara pagni 25, 35 u 36 *ibid.*

referenza ghal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Pace** moghtija fis-7 ta' Novembru 2002:

**"Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza Il-Pulizija vs Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235), "il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:**

'Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja'.

**Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat *in extenso*. Hija fil-fatt qalet:**

'Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu *identification parades*; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx

zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-*Code of Practice D* taht il-*Police and Criminal Evidence Act, 1984*. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, *'only one witness shall be shown photographs at any one time'* (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u *'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help'* (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal *identification parades* dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

*'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who* <u>*so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …'*</u> (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (*eye-witness testimony*) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-*Supreme Court of the Australian Capital Territory* fil-kawza **Sharrett vs Gill** (1993) 65 A Crim R. 44:

*'… I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and*

*dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' *identification evidence*. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger'* (ara *Blackstone's Criminal Practice*, 1991, pagna 1991; *Archbold*, 1997, pagni 1255-1256)**".**

**Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja *identification parade*". Hija qalet:**

'Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) *per* W. Harding fil-kawza 'Il-Pulizija vs *Leading Steward* Victor Dalmas' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki

involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, *piu' o meno* ta' l-istess eta' u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';

M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ *in R. vs Parks* ((1961) I.W.L.R. 1484) *'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice'* u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga' din il-Qorti fis-sentenza taghha *in re* Il-Maesta' Taghha r-Regina vs Joseph Hallet moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati *miscarriages of justice*'**".**

Fil-kaz in dizamina l-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu qal li ovvjament ikun ahjar kieku dawn l-affarijiet isiru (*identification parades*) u jghid ukoll li setghu l-Pulizija anke wrew faxxikolu ta' ritratti lis-*salesgirls*. Ghalhekk stieden lill-gurati biex jaraw jekk it-tliet *salesgirls* "humiex ta' min joqghod fuqhom dwar l-identifikazzjoni ta' l-akkuzat". Aktar minn hekk ma setax jaghmel. Barra minn hekk, minn ezami li din il-Qorti ghamlet tax-xiehda ta' l-imsemmijin tliet *salesgirls*, ma ssib l-ebda raguni li ghaliha l-gurati kellhom jiddubitaw mill-identifikazzjoni li s-*salesgirls* ghamlu fid-dawl tac-cirkostanzi minnhom spjegati.

Dwar l-ahhar ilment ta' l-appellant dwar it-tonalita` ta' l-indirizz, din il-Qorti, wara li semghet ir-registrazzjoni ta' l-istess, tghid li huwa lment fieragh li jirrazenta l-frivolu.

Finalment din il-Qorti tghid li, fid-dawl tas-suespost u ghalhekk tal-fatt li l-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, u fid-dawl ta' l-ezami approfondit li

ghamlet tal-provi, hija tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha.

Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li jsostni hija wahda eccessiva meta jitqies li ma kellu ebda antecedenti kriminali.

Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[8].

Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz in partikolari l-kwantita` ta' droga involuta u l-purita` taghha u z-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv. Inoltre l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha - prigunerija ghall-ghomor flimkien ma' multa ta' mhux anqas minn elf lira (Lm1,000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira (Lm50,000). Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. Iz-zmien ghall-Avukat Generali sabiex jipprezenta nota biex jindika jekk id-droga hijiex mehtiega ghal proceduri ohrajn kif ukoll iz-zmien ghad-distruzzjoni ta' l-istess droga jibda jiddekorri millum.

[8] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------